

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 22.10.2010
KUMM(2010) 576 finali

2010/0294 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi kriterji li jiddeterminaw meta ċerti tipi ta' metall skreppjat ma jibqgħux
jitqiesu bħala skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart, ċertu skart speċifikat m'għandux jibqa' kkunsidrat bħala skart meta jkun għadda minn operazzjoni ta' rkupru u jkun jikkonforma ma' kriterji speċifiċi li għandhom jiġu żviluppati skond ċerti kundizzjonijiet legali. Skont l-Artikolu 6(2) ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi t-tali kriterji għal materjali speċifiċi u dawn il-kriterji għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 39(2) tad-Direttiva.

Għalhekk, il-Kummissjoni ressqet abbozz ta' Regolament għall-vot fil-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 39 tad-Direttiva. Il-Kumitat ma tax opinjoni favorevoli dwar l-abbozz tar-Regolament fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Settembru 2010.

Għalhekk, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, qed titressaq proposta lill-Kunsill għal Regolament tal-Kunsill, li qed tintbagħat ukoll lill-Parlament Ewropew.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi kriterji li jiddeterminaw meta ċerti tipi ta' metall skreppjat ma jibqgħux jitqiesu bħala skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 6(2) tagħha,

Billi:

- (1) Minn evalwazzjoni ta' diversi flussi ta' skart jirriżulta li s-swieq tar-riċiklaġġ għall-metall skreppjat għandhom jibbenefikaw mill-iżvilupp ta' kriterji speċifiċi li jiddeterminaw meta l-metall skreppjat miksub mill-iskart ma jibqax jitqies bħala skart. Dawn il-kriterji għandhom jiżguraw livell għoli ta' ħarsien ambjentali. Għandhom ikunu mingħajr ħsara għall-klassifika tal-metall skreppjat bħala skart minn pajjiżi terzi.
- (2) Ir-rapporti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea wrew li jeżistu suq u domanda għar-ruttam tal-ħadid, tal-azzar u tal-aluminju biex jintuża bħala materja prima fl-impjanti tal-azzar, fil-funderiji, fir-raffineriji tal-aluminju u fl-impjanti tat-tidwib mill-ġdid għall-produzzjoni tal-metalli. Għalhekk ir-ruttam tal-ħadid, tal-azzar u tal-aluminju għandu jkun pur biżżejjed u għandu jissodisfa l-istandards jew l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti tar-ruttam mitluba mill-industrija tal-produzzjoni tal-metalli.
- (3) Il-kriterji li jiddeterminaw meta r-ruttam tal-ħadid, tal-azzar u tal-aluminju ma jibqax jitqies bħala skart għandhom jiżguraw li r-ruttam tal-ħadid, tal-azzar u tal-aluminju li jirriżulta minn operazzjoni ta' rkupru jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi tal-industrija tal-produzzjoni tal-metall, li dan ikun konformi mal-leġiżlazzjoni u mal-istandards eżistenti applikabbli għall-prodotti u li ma jwassalx għal impatti globali negattivi fuq l-ambjent jew fuq saħħet il-bniedem. Ir-rapporti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea wrew li l-kriterji proposti dwar l-iskart li jintuża bħala materja prima fl-operazzjoni ta' rkupru, dwar il-proċessi u t-tekniki ta' trattament, kif ukoll dwar il-metall skreppjat li jirriżulta mill-operazzjoni ta' rkupru jilhqqu dawk l-għanijiet minħabba li għandhom jirriżultaw fil-produzzjoni ta' ruttam tal-ħadid, tal-azzar u tal-aluminju bla karatteristiċi perikolużi u ħieles biżżejjed minn komposti mhux metalliċi.

¹ ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

- (4) Sabiex tkun żgurata l-konformità mal-kriterji, huwa xieraq li jkun ipprovdut li jinħareġ tagħrif dwar il-metall skreppjat li ma baqax jitqies bħala skart u li tiġi implimentata sistema ta' ġestjoni tal-kwalità.
- (5) Tista' tkun meħtieġa reviżjoni tal-kriterji jekk, fuq il-bażi ta' monitoraġġ tal-iżvilupp tal-kundizzjonijiet tas-suq għar-ruttam tal-ħadid u tal-azzar u tal-aluminju, jiġu nnutati effetti ħżiena fuq is-swieq tar-riċiklaġġ għar-ruttam tal-ħadid u tal-azzar u tal-aluminju, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mad-disponibbiltà tat-tali ruttam u mal-aċċess għalih.
- (6) Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jadattaw irwieħhom għall-kriterji li jiddeterminaw meta l-metall skreppjat ma jibqax jitqies bħala skart, huwa xieraq li jingħata perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma' dan ir-Regolament jibda japplika.
- (7) Il-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 39(1) tad-Direttiva 2008/98/KE ma tax opinjoni dwar il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament. Għalhekk il-Kummissjoni ressqet proposta lill-Kunsill dwar il-miżuri u baġtitha wkoll lill-Parlament Ewropew,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji li jiddeterminaw meta r-ruttam tal-ħadid, tal-azzar u tal-aluminju, inkluż ir-ruttam tal-liġi tal-aluminju, ma jibqax jitqies bħala skart.

Artikolu 2

Tifsiriet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw it-tifsiriet stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE.

Barra minn hekk, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

- (1) “ruttam tal-ħadid u tal-azzar” tfisser metall skreppjat li jikkonsisti prinċipalment f'ħadid u f'azzar;
- (2) “ruttam tal-aluminju” tfisser metall skreppjat li jikkonsisti prinċipalment f'aluminju u f'liga tal-aluminju;
- (3) “detentur” tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li għandha fil-pussess tagħha l-metall skreppjat;
- (4) “produttur” tfisser id-detentur li jittrasferixxi l-metall skreppjat lil detentur ieħor għall-ewwel darba bħala metall skreppjat li ma baqax jitqies bħala skart;
- (5) “importatur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tintroduċi metall skreppjat li ma baqax jitqies bħala skart fit-territorju doganali tal-Unjoni;

- (6) “persunal ikkwalifikat” tfisser persunal li huwa kkwalfikat bl-esperjenza jew bit-taħriġ sabiex jimmonitorja u jivvaluta l-karatteristiċi tar-ruttam tal-metall;
- (7) “spezzjoni viżwali” tfisser spezzjoni tar-ruttam tal-metall li tkopri l-partijiet kollha ta’ konsenja u li ssir permezz tas-sensi tal-bniedem jew permezz ta’ kwalunkwe tagħmir mhux speċjalizzat;
- (8) “konsenja” tfisser lott ta’ ruttam tal-metall li huwa maħsub sabiex jiġi kkonsenjat minn produttur lil detentur ieħor u li jista’ jinżamm f’unità tat-trasport waħda jew iktar, bħal kontejners.

Artikolu 3

II-kriterji għar-ruttam tal-ħadid u tal-azzar

Ir-ruttam tal-ħadid u tal-azzar m’għandux jibqa’ jitqies bħala skart meta, mat-trasferiment mill-produttur lil detentur ieħor, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (1) l-iskart użat bħala materja prima għall-operazzjoni ta’ rkupru jkun konformi mal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I;
- (2) l-iskart użat bħala materja prima għall-operazzjoni ta’ rkupru jkun ġie ttrattat skont il-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 3 tal-Anness I;
- (3) ir-ruttam tal-ħadid u tal-azzar li jirriżulta mill-operazzjoni ta’ rkupru jkun konformi mal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness I;
- (4) il-produttur ikun issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.

Artikolu 4

II-kriterji għar-ruttam tal-aluminju

Ir-ruttam tal-aluminju, inkluż ir-ruttam tal-liġi tal-aluminju, m’għandux jibqa’ jitqies bħala skart meta, mat-trasferiment mill-produttur lil detentur ieħor, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (1) l-iskart użat bħala materja prima fl-operazzjoni ta’ rkupru jkun konformi mal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness II;
- (2) l-iskart użat bħala materja prima fl-operazzjoni ta’ rkupru jkun ġie ttrattat skont il-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 3 tal-Anness II;
- (3) ir-ruttam tal-aluminju li jirriżulta mill-operazzjoni ta’ rkupru jkun konformi mal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness II;
- (4) il-produttur ikun issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.

Artikolu 5

Dikjarazzjoni ta' konformità

- (1) Il-produttur jew l-importatur għandu joħroġ, għal kull konsenja ta' metall skreppjat, dikjarazzjoni ta' konformità li tkun konformi mal-mudell stabbilit fl-Anness III.
- (2) Il-produttur jew l-importatur għandu jagħti d-dikjarazzjoni ta' konformità lid-detentur tal-konsenja ta' metall skreppjat li jmiss. Huma għandhom iżommu kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità għal mill-inqas sena wara d-data tal-ħruġ tagħha u għandhom iqiegħduha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti meta jintalbu jagħmlu dan.
- (3) Id-dikjarazzjoni ta' konformità tista' tkun f'forma elettronika.

Artikolu 6

Il-ġestjoni tal-kwalità

- (1) Il-produttur għandu jimplimenta sistema ta' ġestjoni tal-kwalità adattata biex turi l-konformità mal-kriterji msemmija fl-Artikoli 3 u 4.
- (2) Is-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità għandu jkun fiha sett ta' proċeduri ddokumentati dwar kull wieħed mill-aspetti li ġejjin:
 - (a) l-aċċettazzjoni tal-kontroll tal-iskart li ntuża bħala materja prima għall-operazzjoni ta' rkupru kif stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Annessi I u II;
 - (b) il-monitoraġġ tal-proċessi u tat-tekniki ta' trattament deskritti fit-Taqsima 3.3 tal-Annessi I u II;
 - (c) il-monitoraġġ tal-kwalità tal-metall skreppjat li jirriżulta mill-operazzjoni ta' rkupru kif stabbilit fit-Taqsima 1 tal-Annessi I u II (inklużi t-teħid tal-kampjuni u l-analiżi);
 - (d) l-effikaċja tal-monitoraġġ tar-radjażzjoni kif stabbilit fit-Taqsima 1.5 tal-Annessi I u II;
 - (e) ir-reazzjoni tal-konsumaturi dwar il-konformità mal-kwalità tal-metall skreppjat;
 - (f) iż-żamma tar-reġistri tar-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq skont il-punti (a) sa (d);
 - (g) ir-reviżjoni u t-titjib tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità;
 - (h) it-taħriġ tal-persunal.
- (3) Is-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità għandha tippreskrivi wkoll ir-rekwiżiti speċifiċi tall-monitoraġġ stabbiliti fl-Annessi I u II għal kull kriterju.

- (4) Fejn kwalunkwe wieħed mit-trattamenti msemmija fit-Taqsima 3.3 tal-Anness I jew fit-Taqsima 3.3 tal-Anness II jitwettaq minn detentur preċedenti, il-produttur għandu jiżgura ruħu li l-fornitur jimplementa sistema ta' ġestjoni tal-kwalità li tkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.
- (5) Korp ta' valutazzjoni tal-konformità, kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 765/2008, li kiseb akkreditament skont dak ir-Regolament, jew kwalunkwe verifikatur ambjentali ieħor, kif iddefinit fl-Artikolu 2(20)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009, għandu jivverifika li s-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità tkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu. Il-verifika għandha titwettaq kull tliet snin.
- (6) L-importatur għandu jeżiġi li l-fornituri tiegħu jimplementaw sistema ta' ġestjoni tal-kwalità li tkun konformi mar-rekwiżiti tal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u li tkun għiet ivverifikata minn verifikatur estern indipendenti.
- (7) Il-produttur għandu jagħti aċċess għas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità lill-awtoritajiet kompetenti meta jintalab jagħmel dan.

Artikolu 7

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika minn [...] 2011. [*Jekk jogħġbok daħħal data speċifika; perjodu tranżitorju ta' sitt xhur wara l-pubblikazzjoni*]

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX I

Il-kriterji għar-ruttam tal-ħadid u tal-azzar

Kriterji	Rekwiżiti ta' awtomonitoraġġ
1. Il-kwalità tar-ruttam li jirriżulta mill-operazzjoni ta' rkupru	
<p>1.1 Ir-ruttam għandu jkun ikklassifikat skont speċifikazzjoni tal-klijent, speċifikazzjoni tal-industrija jew standard għal użu dirett fil-produzzjoni ta' sustanzi jew ta' oġġetti metalliċi minn impjanti jew funderiji tal-azzar.</p>	<p>Persunal ikkwalifikat għandu jikklassifika kull konsenja.</p>
<p>1.2 L-ammont totali ta' impuritajiet (sterili) għandu jkun ta' $\leq 2\%$ skont il-piż.</p> <p>L-impuritajiet huma:</p> <p>(1) metalli li ma fihomx ħadid (ħliet għall-elementi li jlligaw fi kwalunkwe sottostrat metalliku li fih il-ħadid) u materjali mhux metalliċi bħall-ħamrija, it-trab, il-materjali li jservu bħala iżolaturi u l-ħġieġ;</p> <p>(2) materjali kombustibbli u mhux metalliċi bħal-lastku, il-plastik, id-drapp, l-injam u sustanzi kimiċi jew organiċi oħrajn;</p> <p>(3) biċċiet ikbar (daqs il-briks) li mhumiex kondutturi tal-elettriku bħat-tajers, il-pajpijiet mimlija bis-siment, bl-injam jew bil-konkos;</p> <p>(4) residwi li ġejjin minn operazzjonijiet ta' tidwib, tisħin, trattamenti tas-superfiċje (inkluż l-irbit bil-battenti, bil-gargnu u bl-ingast – “scarfing”), tħin, serrar, iwweldjar u qtugħ b'torċa tal-iwweldjar tal-azzar, bħall-gagazza, il-frac mill-ipproċessar tal-metalli (“mill scale”), it-trabijiet tal-filtri tal-arja (“baghouse dust”), it-trabijiet mit-tagħmir tat-tħin u l-ħama.</p>	<p>Persunal ikkwalifikat għandu jwettaq spezzjoni viżwali ta' kull konsenja.</p> <p>F'intervalli xierqa (mill-inqas kull sitt xhur), għandhom jiġu analizzati kampjuni rappreżentattivi tal-impuritajiet billi jintiżnu wara separazzjoni b'kalamita jew separazzjoni manwali (kif ikun xieraq) tal-partiċelli u tal-oġġetti tal-ħadid u tal-azzar taħt spezzjoni viżwali bir-reqqa.</p> <p>Il-frekwenzi xierqa tal-monitoraġġ permezz tat-teħid tal-kampjuni għandhom ikunu stabbiliti billi jitqiesu l-fatturi li ġejjin:</p> <p>(1) it-tendenza mistennija tal-varjabbiltà (pereżempju kif murija mir-riżultati tal-imgħoddi);</p> <p>(2) ir-riskju inerenti ta' varjabbiltà fil-kwalità tal-iskart li ntuża bħala materja prima għall-operazzjoni ta' rkupru u għal kwalunkwe pproċessar li sar wara;</p> <p>(3) il-preċiżjoni inerenti tal-metodu ta' monitoraġġ; u</p> <p>(4) il-qrubija tar-riżultati għal-limitu tal-kontenut ta' impuritajiet sa massimu ta' 2 % skont il-piż.</p> <p>Il-proċess tad-determinazzjoni tal-frekwenzi tal-monitoraġġ għandu jkun iddokumentat bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità u għandu jkun</p>

		disponibbli għall-verifiki.
1.3	Ir-ruttam m'għandux ikun fih ossidu tal-ħadid eċċessiv fi kwalunkwe forma, ħlief għall-ammonti tipiċi li jirriżultaw minn ħażna fuq barra ta' ruttam ippreparat f'kundizzjonijiet atmosferiċi normali.	Persunal ikkwalifikat għandu jwettaq spezzjoni viżwali għall-preżenza tal-ossidi.
1.4	Ir-ruttam m'għandux ikollu żejt viżibbli , emulsjonijiet żejtnija, lubrikanti jew griż ħlief għal ammonti negliġibbli li mhux se jwasslu għal taqtir.	Persunal ikkwalifikat għandu jwettaq spezzjoni viżwali ta' kull konsenja, u għandu joqgħod attent l-iktar għal dawk il-partijiet minn fejn hemm l-iktar ċans li jibda jqattar iż-żejt.
1.5	Ir-radjuattività: m'hemm bżonn tittieħed l-ebda azzjoni ta' rispons skont regoli nazzjonali jew internazzjonali dwar il-proċeduri ta' monitoraġġ u ta' rispons għall-metall radjuattiv skreppjat. Dan ir-rekwiżit huwa mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku adottata skont il-Kapitolu III tat-Trattat tal-Euratom, b'mod partikulari d-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom ² .	Persunal ikkwalifikat għandu jimmonitorja r-radjuattività ta' kull konsenja. Kull konsenja ta' ruttam għandu jkollha magħha ċertifikat, stabbilit skont regoli nazzjonali jew internazzjonali, dwar il-proċeduri ta' monitoraġġ u ta' rispons għall-metall radjuattiv skreppjat. Iċ-ċertifikat jista' jiġi inkluż fid-dokumentazzjoni l-oħra li takkumpanja l-konsenja.
1.6	Ir-ruttam m'għandu juri l-ebda waħda mill- karatteristiċi perikolużi elenkati fl-Anness III għad-Direttiva 2008/98/KE. Ir-ruttam għandu jkun konformi mal-limiti ta' konċentrazzjoni stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE ³ u m'għandux jaqbeż il-limiti ta' konċentrazzjoni stabbiliti fl-Anness IV għar-Regolament Nru (KE) 850/2004 ⁴ . Il-karatteristiċi tal-elementi individwali inklużi fil-liġi tal-ħadid u tal-azzar mhumiex rilevanti għal dan ir-rekwiżit.	Persunal ikkwalifikat għandu jwettaq spezzjoni viżwali ta' kull konsenja. Fejn l-ispezzjoni viżwali tqajjem xi suspett ta' possibbiltà ta' karatteristiċi perikolużi, għandhom jittieħdu iktar miżuri xierqa ta' monitoraġġ, bħat-teħid ta' kampjuni u l-ittestjar fejn ikun xieraq. Il-persunal għandu jitħarreġ dwar il-karatteristiċi perikolużi potenzjali li jistgħu jkunu assoċjati mar-ruttam tal-ħadid u tal-azzar u dwar il-komponenti jew il-karatteristiċi tal-materjali li jippermettu 'l dak li jkun jagħraf il-karatteristiċi perikolużi.

² ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1.

³ ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3.

⁴ ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7.

	Il-proċedura għar-rikonoxximent tal-materjali perikolużi għandha tkun iddokumentata fis-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità.
1.7 Ir-ruttam m'għandu jkun fih l-ebda kontenitur taħt pressjoni, magħluq, jew mhux miftuħ biżżejjed li jista' jikkawża splużjonijiet f' forn ta' xogħol fil-metall.	Persunal ikkwalifikat għandu jwettaq spezzjoni viżwali ta' kull konsenja.
2. L-iskart użat bħala materja prima għall-operazzjoni ta' rkupru	
2.1 L-iskart li jkun fih ħadid jew azzar li jista' jiġi rkuprat biss jista' jintuża bħala materja prima.	Il-kontroll tal-aċċettazzjoni tal-iskart kollu li jasal (permezz ta' spezzjoni viżwali) u tad-dokumentazzjoni li takkumpanjah għandu jitwettaq minn persunal ikkwalifikat li jkun ingħata taħriġ dwar kif jagħraf l-iskart li ma jissodisfax il-kriterji stabbiliti f'din it-Taqsima.
2.2 L-iskart perikoluż m'għandux jintuża bħala materja prima ħlief fejn jingħataw provi li jkunu ġew applikati l-proċessi u t-tekniki speċifikati fit-Taqsima 3 ta' dan l-Anness sabiex jitneħħew il-karatteristiċi perikolużi kollha.	
2.3 L-iskart li ġej m'għandux jintuża bħala materja prima: (a) il-limatura u l-bċejjeċ u s-serratura li jaqgħu mill-użu tat-torn li fihom fluwidi bħaż-żejt jew l-emulsjonijiet żejtnija, u (b) l-btieti u l-kontenituri, ħlief għat-tagħmir minn vetturi li m'għadhomx jintużaw, li fihom jew li kien fihom iż-żejt jew iż-żebgħa.	
3. Il-proċessi u t-tekniki ta' trattament	
3.1 Ir-ruttam tal-ħadid jew tal-azzar għandu jkun ġie sseparat mill-ewwel fis-sors jew waqt il-ġbir u għandu jkun inżamm separat jew l-iskart ta' materja prima għandu jkun ġie ttrattat sabiex ir-ruttam tal-ħadid u tal-azzar jiġi sseparat mill-komponenti mhux metalliċi u minn dawk li ma fihomx ħadid.	

⁵ ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24.

3.2 It-trattamenti mekkaniċi kollha (bħall-qtuġh, il-qtuġh permezz tad-deformazzjoni (“shearing”), il-qtuġh bċejjeċ bċejjeċ jew il-granulazzjoni; l-għażla, is-separazzjoni, it-tindif, it-tneħħija tas-sustanzi li jniġġsu, l-iżvujtar) li huma meħtieġa sabiex jiġi ppreparat ir-ruttam tal-metall għall-użu finali dirett tiegħu bħala materja prima fl-impjanti u fil-funderiji tal-azzar għandhom ikunu tlestew.

3.3 Għall-iskart li jkun fih komponenti perikolużi, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

- (a) Il-materja prima li tkun ġejja minn skart ta’ tagħmir elettriku jew elettroniku jew minn vetturi li m’għadhomx jintużaw għandha tkun għaddiet mit-trattamenti kollha mitluba mill-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ u mill-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶;
- (b) Il-klorofluworokarbonji f’ tagħmir imwarrab għandhom ikunu nqabdu fi proċess approvat mill-awtoritajiet kompetenti;
- (c) Il-kejbils għandu jkun tneħħilhom il-kisi jew għandhom ikunu tqattgħu biċċa biċċa. Jekk kejbil ikun fih kisi organiku (tal-plastik), il-kisi organiku għandu jkun tneħħa bl-aħjar tekniki disponibbli;
- (d) Il-btieti u l-kontenituri għandhom ikunu żvujtati u għandhom ikunu tnaddfu;
- (e) Is-sustanzi perikolużi fl-iskart li ma ssemmiex fil-punt (a) għandhom ikunu tneħħew b’mod effiċjenti fi proċess li jkun approvat mill-awtorità kompetenti.

⁶ ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.

ANNEX II

II-kriterji għar-ruttam tal-aluminju

Kriterji	Rekwiżiti ta' awtomonitoraġġ
1. II-kwalità tar-ruttam	
<p>1.1 Ir-ruttam għandu jkun ikklassifikat skont speċifikazzjoni tal-klijent, speċifikazzjoni tal-industrija jew standard għall-użu dirett fil-produzzjoni ta' sustanzi jew ta' oġġetti metalliċi permezz tal-irfinar jew tat-tidwib mill-ġdid.</p>	<p>Persunal ikkwalifikat għandu jikklassifika kull konsenja.</p>
<p>1.2 L-ammont totali ta' impuritajiet għandu jkun ta' $\leq 5\%$ skont il-piż jew l-ammont ta' metall irkuprat ("metal yield") għandu jkun ta' $\geq 90\%$.</p> <p>L-impuritajiet huma:</p> <p>(1) metalli li mhumiex aluminju u liġi tal-aluminju;</p> <p>(2) materjali mhux metalliċi bħall-ħamrija, it-trab, il-materjali li jservu bħala iżolaturi u l-ħġieġ;</p> <p>(3) materjali kombustibbli u mhux metalliċi bħal-lastku, il-plastik, id-drapp, l-injam u sustanzi kimiċi jew organiċi oħrajn;</p> <p>(4) biċċiet ikbar (daqs il-briks) li mhumiex kondutturi tal-elettriku bħat-tajers, il-pajpijiet mimlija bis-siment, bl-injam jew bil-konkos; jew</p> <p>(5) u qtuġh b'torċa tal-iwweldjar bħal gagazza, residwi li ġejjin minn operazzjonijiet ta' tidwib tal-aluminju u tal-liġi tal-aluminju, ta' tisħin, trattamenti tas-superfiċje (inkluż l-irbit bil-battenti, bil-gargnu u bl-ingast</p>	<p>Il-prodottur tar-ruttam tal-aluminju għandu jikkontrolla l-konformità billi jimmonitorja l-ammont ta' impuritajiet jew billi jiddetermina l-ammont ta' metall irkuprat.</p> <p>Persunal ikkwalifikat għandu jwettaq spezzjoni viżwali ta' kull konsenja.</p> <p>F'intervalli xierqa (mill-inqas kull sitt xhur), għandhom jiġu analizzati kampjuni rappreżentattivi ta' kull grad ta' ruttam tal-aluminju sabiex jitkejjel l-ammont totali ta' impuritajiet jew l-ammont ta' metall irkuprat.</p> <p>Il-kampjuni rappreżentattivi għandhom jinkisbu skont il-proċeduri ta' teħid tal-kampjuni deskritti fl-istandard EN 13920⁷.</p> <p>L-ammont totali ta' impuritajiet għandu jitkejjel skont il-piż wara li l-partiċelli u l-oġġetti metalliċi tal-aluminju jkunu ġew isseparati mill-partiċelli u mill-oġġetti li jikkonsistu f'impuritajiet billi jintgħażlu bl-idejn jew b'mezzi oħrajn ta' separazzjoni (bħal permezz ta' kalamita jew billi tintuża d-densità bħala l-bażi).</p> <p>L-ammont ta' metall irkuprat għandu jitkejjel skont il-proċedura li ġejja:</p>

⁷ EN 13920-1:2002; L-aluminju u l-liġi tal-aluminju – Ir-ruttam – Il-parti 1: Ir-rekwiżiti ġenerali, it-teħid tal-kampjuni u t-testijiet; CEN 2002.

<p>– “scarfing”), tħin, serrar, iwweldjar u qtugħ b’torċa tal-iwweldjar bħall-gagazza, il-ħmieġ tal-metalli, ir-raghwiet, it-trabijiet tal-filtri tal-arja (“baghouse dust”), it-trabijiet mit-tagħmir tat-tħin u l-ħama.</p>	<p>(1) Id-determinazzjoni tal-massa (m_1) wara t-tneħħija u d-determinazzjoni tal-indewwa (skont il-punt 7.1. tal-istandard EN 13920-1:2002);</p> <p>(2) It-tneħħija u d-determinazzjoni tal-ħadid liberu (skont il-punt 7.2. tal-istandard EN 13920-1:2002);</p> <p>(3) Id-determinazzjoni tal-massa tal-metall wara t-tidwib u s-solidifikazzjoni (m_2) wara l-proċedura għad-determinazzjoni tal-ammont ta’ metall irkuprat skont il-punt 7.3. tal-istandard EN 13920-1:2002;</p> <p>(4) Il-kalkolu tal-ammont ta’ metall irkuprat $m [f\%] = (m_2/m_1) \times 100$.</p> <p>Il-frekwenzi xierqa tal-analiżi tal-kampjuni rappreżentattivi għandhom ikunu stabbiliti billi jitqiesu l-fatturi li ġejjin:</p> <p>(1) it-tendenza mistennija tal-varjabbiltà (pereżempju kif murija mir-riżultati tal-imgħoddi);</p> <p>(2) ir-riskju inerenti ta’ varjabbiltà fil-kwalità tal-iskart li ntuża bħala materja prima għall-operazzjoni ta’ rkupru u fil-prestazzjoni tal-proċessi ta’ trattament;</p> <p>(3) il-preċiżjoni inerenti tal-metodu ta’ monitoraġġ; u</p> <p>(4) il-qrubija tar-riżultati għall-valuri ta’ limitu għall-ammont totali ta’ impuritajiet jew għall-ammont ta’ metall irkuprat.</p>
<p>1.3 Ir-ruttam m’għandux ikun fih PVC fil-forma ta’ kisi, żebgħa jew plastik.</p>	<p>Persunal ikkwalifikat għandu jwettaq spezzjoni viżwali ta’ kull konsenja.</p>
<p>1.4 Ir-ruttam m’għandux ikollu żejt viżibbli, emulsjonijiet żejtnija, lubrikanti jew griż ħlief għal ammonti negliġibbli li mhux se jwasslu għal taqtir.</p>	<p>Persunal ikkwalifikat għandu jwettaq spezzjoni viżwali ta’ kull konsenja, u għandu joqgħod attent l-iktar għal dawk il-partijiet minn fejn hemm l-iktar ċans li jibda jqattar iż-żejt.</p>

<p>1.5 Ir-radjuattività: m’hemm bżonn tittieħed l-ebda azzjoni ta’ rispons skont regoli nazzjonali jew internazzjonali dwar il-proċeduri ta’ monitoraġġ u ta’ rispons għall-metall radjuattiv skreppjat.</p> <p>Dan ir-rekwiżit huwa mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku adottata skont il-Kapitolu III tat-Trattat tal-Euratom, b’mod partikulari d-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom⁸.</p>	<p>Persunal ikkwalifikat għandu jimmonitorja r-radjuattività ta’ kull konsenja. Kull konsenja ta’ ruttam għandu jkollha magħha ċertifikat, stabbilit skont regoli nazzjonali jew internazzjonali, dwar il-proċeduri ta’ monitoraġġ u ta’ rispons għall-metall radjuattiv skreppjat. Iċ-ċertifikat jista’ jiġi inkluż fid-dokumentazzjoni l-oħra li takkumpanja l-konsenja.</p>
<p>1.6 Ir-ruttam m’għandu juri l-ebda waħda mill-karatteristiċi perikolużi elenkati fl-Anness III għad-Direttiva 2008/98/KE. Ir-ruttam għandu jkun konformi mal-limiti ta’ konċentrazzjoni stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE⁹ u m’għandux jaqbeż il-limiti ta’ konċentrazzjoni stabbiliti fl-Anness IV għar-Regolament Nru (KE) 850/2004¹⁰.</p> <p>Il-karatteristiċi tal-elementi individwali inklużi fil-liġi tal-aluminju mhumiex rilevanti għal dan ir-rekwiżit.</p>	<p>Persunal ikkwalifikat għandu jinvestiga kull konsenja permezz ta’ spezzjoni viżwali. Fejn l-ispezzjoni viżwali tqajjem xi suspett ta’ possibbiltà ta’ karatteristiċi perikolużi, għandhom jittieħdu iktar miżuri xierqa ta’ monitoraġġ, bħat-teħid ta’ kampjuni u l-ittestjar fejn ikun xieraq.</p> <p>Il-persunal għandu jitħarreġ dwar il-karatteristiċi perikolużi potenzjali li jistgħu jkunu assoċjati mar-ruttam tal-aluminju u dwar il-komponenti jew il-karatteristiċi tal-materjali li jippermettu ’l dak li jkun jagħraf il-karatteristiċi perikolużi.</p> <p>Il-proċedura għar-rikonoxximent tal-materjali perikolużi għandha tkun iddokumentata fis-sistema ta’ ġestjoni tal-kwalità.</p>
<p>1.7 Ir-ruttam m’għandu jkun fih l-ebda kontenitur taħt pressjoni, magħluq, jew mhux miftuħ biżżejjed li jista’ jikkawża splużjonijiet f’forn ta’ xogħol fil-metall.</p>	<p>Persunal ikkwalifikat għandu jinvestiga kull konsenja permezz ta’ spezzjoni viżwali.</p>
<p>2. L-iskart użat bħala materja prima fl-operazzjoni ta’ rkupru</p>	
<p>2.1 L-iskart li kien fih aluminju jew liġi tal-aluminju li jistgħu jiġu rkuprati biss jista’ jintuża bħala materja prima.</p> <p>2.2 L-iskart perikoluż m’għandux jintuża bħala materja prima ħlief fejn jingħataw provi li jkunu ġew applikati l-proċessi u t-tekniki speċifikati fit-</p>	<p>Il-kontroll tal-aċċettazzjoni tal-iskart kollu li jasal (permezz ta’ spezzjoni viżwali) u tad-dokumentazzjoni li takkumpanjah għandu jitwettaq minn persunal ikkwalifikat li jkun ingħata taħriġ dwar kif jagħraf l-iskart li ma jissodisfax il-kriterji stabbiliti f’din it-Taqsima.</p>

⁸ ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1.

⁹ ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3.

¹⁰ ĠU L 229, 30.4.2004, p. 1.

<p>Taqsimha 3 ta' dan l-Anness sabiex jitneħħew il-karatteristiċi perikolużi kollha.</p> <p>2.3 L-iskart li għej m'għandux jintuża bħala materja prima:</p> <p>(a) il-limatura u l-bçeġġeċ u s-serratura li jaqgħu mill-użu tat-torn li fihom fluwidi bħaż-żejt jew l-emulsjonijiet żejtnija, u</p> <p>(b) l-btieti u l-kontenituri, ħliet għat-tagħmir minn vetturi li m'għadhomx jintużaw, li fihom jew li kien fihom iż-żejt jew iż-żebgħa.</p>	
<p>3. Il-proċessi u t-tekniki ta' trattament</p>	
<p>3.1 Ir-ruttam tal-aluminju għandu jkun għe sseparat mill-ewwel fis-sors jew waqt il-għbir u għandu jkun inżamm separat jew l-iskart ta' materja prima għandu jkun għe ttrattat sabiex ir-ruttam tal-aluminju jiġi sseparat mill-komponenti mhux metalliċi u minn dawk tal-metall li ma fihomx aluminju.</p> <p>3.2 It-trattamenti mekkaniċi kollha (bħall-qtuġh, il-qtuġh permezz tad-deformazzjoni ("shearing"), il-qtuġh bçeġġeċ jew il-granulazzjoni; l-għażla, is-separazzjoni, it-tindif, it-tneħħija tas-sustanzi li jniġġsu, l-iżvujtar) li huma meħtieġa sabiex jiġi ppreparat ir-ruttam tal-metall għall-użu finali dirett tiegħu bħala materja prima għandhom ikunu tlestew.</p> <p>3.3 Għall-iskart li jkun fih komponenti perikolużi, għandhom japplikaw ir-reqwiziti speċifiċi li għejjin:</p> <p>(a) Il-materja prima li tkun għejja minn skart ta' tagħmir elettriku jew elettroniku u minn vetturi li m'għadhomx jintużaw għandha tkun għaddiet mit-trattamenti kollha mitluba mill-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ u mill-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹²;</p> <p>(b) Il-klorofluworokarbonji f'tagħmir imwarrab għandhom ikunu</p>	

¹¹ ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24.

¹² ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.

<p>nqabdu fi proċess approvat mill-awtoritajiet kompetenti;</p> <p>(c) Il-kejbils għandu jkun tneħħilhom il-kisi jew għandhom ikunu tqattgħu biċċa biċċa. Jekk kejbil ikun fih kisi organiku (tal-plastik), il-kisi organiku għandu jkun tneħħa bl-aħjar tekniki disponibbli;</p> <p>(d) Il-btieti u l-kontenituri għandhom ikunu żvujtati u għandhom ikunu tnaddfu;</p> <p>(e) Is-sustanzi perikolużi fl-iskart li ma ssemmiex fil-punt (a) għandhom ikunu tneħħew b'mod effiċjenti fi proċess li jkun approvat mill-awtorità kompetenti.</p>	
--	--

Annex III

Id-dikjarazzjoni ta' konformità mal-kriterji ta' tmiem l-iskart imsemmija fl-Artikolu 5(1)

1.	<p>Il-produttur/l-importatur tal-metall skreppjat:</p> <p>L-isem:</p> <p>L-indirizz:</p> <p>Il-persuna ta' kuntatt:</p> <p>In-numru tat-telefown:</p> <p>In-numru tal-faks:</p> <p>L-indirizz tal-posta elettronika:</p>
2.	<p>a) l-isem jew il-kodiċi tal-kategorija tal-metall skreppjat, skont speċifikazzjoni jew standard tal-industrija:</p> <p>b) fejn rilevanti, id-dispożizzjonijiet tekniċi prinċipali ta' speċifikazzjoni tal-klijent, bħall-kompożizzjoni, id-daqs, it-tip u l-karatteristiċi:</p>

3.	Il-konsenja ta' metall skreppjat hija konformi mal-ispeċifikazzjoni jew mal-istandard imsemmi fil-punt 2
4.	Il-kwantità tal-konsenja f'tunnellati:
5.	Ġie stabbilit ċertifikat ta' test għar-radjuattività skont ir-regoli nazzjonali jew internazzjonali dwar il-proċeduri ta' monitoraġġ u ta' rispons għall-metall radjuattiv skreppjat.
6.	Il-produttur tal-metall skreppjat japplika sistema ta' ġestjoni tal-kwalità li hija konformi mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru ... <i>[Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament ladarba jiġi adottat]</i> , li ġiet ivverifikata minn verifikatur akkreditat jew minn verifikatur indipendenti f'każ li l-metall skreppjat li ma baqax jitqies bħala skart jiġi impurtat fit-territorju doganali tal-Unjoni.
7.	Il-konsenja ta' metall skreppjat tissodisfa l-kriterji msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (UE) Nru <i>[Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament ladarba jiġi adottat]</i> .
8.	Dikjarazzjoni tal-produttur/tal-importatur tal-metall skreppjat: Jiena niċċertifika li, safejn naf jien, it-tagħrif mogħti hawn fuq huwa komplut u korrett: L-isem: Id-data: Il-firma: